

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

A6-0204/2008

30.5.2008

RAPPORT

dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 3/2008 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena
finanzjarja 2008
(9903/2008 – C6-0206/2008 – 2008/2095(BUD))

Taqsimi III – Kummissjoni

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Kyösti Virrankoski u Ville Itälä

PR_BUD_DAB

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	5
PROCÈDURA	7

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 3/2008 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, Taqsima III – Kummissjoni (9903/2008 – C6-0206/2008 – 2008/2095(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, kif ġie adottat b'mod definittiv fl-13 ta' Diċembru 2007²,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda³,
- wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-baġit ta' emenda Nru 3/2008 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, ippreżentat mill-Kummissjoni fl-14 ta' April 2008 (COM(2008)0201),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 3/2008, imħejji mill-Kunsill fis-26 ta' Mejju 2008 (9903/2008 – C6-0206/2008),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0204/2008),

A. billi l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 3 għall-baġit ġenerali 2008 jkopri l-punti li ġejjin:

- l-ibbaġitjar tad-dħul dovut mill-każ tal-Microsoft (il-multa u l-interessi, total ta' EUR 849 200 000),
- l-ibbaġitjar tat-tifdil li ġie miż-żieda anqas mill-estimi għas-salarji u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali fl-2007,
- it-tisħiħ tal-fond ta' l-emerġenza għal miżuri veterinarji minħabba l-kriżi tal-marda ta' l-ilsien ikħal (bluetongue) b'EUR 130 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn, u b'EUR 63 950 000 f'appropriazzjonijiet ta' ħlas,

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).

² ĠU L 71, 14.3.2008, p. 1.

³ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1. Il-Ftehim kif emendata l-aħħar mid-Deċizzjoni 2008/371/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 128, 16.5.2008, p.8).

- il-ħolqien ta' punti baġitarji biex ikunu akkomodati s-sussidji għal erba' Intrapriżi Konġunti: l-Inizjattiva għal Medicieni Innovattivi (IMI), is-Sema Nadif (Clean Sky), l-ARTEMIS (l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta għal Sistemi tal-Kompjuters Inkorporati) u l-ENIAC (il-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea tan-Nanoelettronika),
 - il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE b'total ta' EUR 98 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas marbuta man-nirien tal-foresti fil-Greċja f'Awwissu 2007 u l-għargħar fis-Slovenja f'Settembru 2007,
 - il-modifika għall-pjan ta' stabiliment ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza Bejn is-Sessi, b'referenza għal post li minn grad ta' AD 13 jogħla għal grad ta' AD 14,
 - il-modifiki għall-pjan ta' stabiliment tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
- B. billi l-iskop ta' l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 3/2008 huwa li dawn l-aġġustamenti baġitarji jiddaħħlu b'mod formali fil-baġit ta' l-2008,
- C. billi l-Kunsill fl-abbozz li jemenda l-baġit Nru 3/2008 inkluda t-tifdil li sar mis-salarji u l-pensjonijiet u l-iffinanzjar ta' dak li hu magħruf bħala l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-Microsoft,
1. Ifakkar li l-appropriazzjonijiet għall-Intrapriżi Konġunti jitħallsu mill-baġit operattiv tal-programm ikkonċernat;
 2. Jiġbed l-attenzjoni li dak li hu magħruf bħala l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-Microsoft huwa ffinanzjat mit-tifdil li sar mis-salarji u l-pensjonijiet fl-Intestatura 5;
 3. Jiddispijaċh li l-Kunsill bla mistenni naqqas il-linja baġitarja 26 02 01, u b'hekk daħħal element ġdid, bla ebda diskussjoni mal-Parlament; qiegħed jistenna l-utilizzazzjoni ta' dan it-tifdil fl-Intestatutra 1a għall-iffinanzjar tal-prijoritajiet tal-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kummissjoni biex fil-ġejjieni tevita li tinkludi l-finanzjament marbut ma' strumenti bħall-EUSF jew l-EGAF fl-abbozzi tal-baġits ta' emenda, flimkien ma' kwistjonijiet oħra, biex ikun evitat kull dewmien fid-deċiżjonijiet u fit-twettiq;
 5. Jadotta bla emendi l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 3/2008;
 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Skond l-Artikolu 37(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tista' tippreżenta abbozzi preliminari tal-baġits ta' emenda, f'każ li jkun hemm "ċirkustanzi inevitabbli, eċċezzjonali jew mhux mistennija".

Dwar il-punti differenti ta' l-Abbozz tal-Baġit ta' Emenda Nru 3/2008:

1. Il-każ tal-Microsoft

F'dan il-kuntest, tressqet it-Talba għal Trasferiment 07/2008 li tnaqqas l-approprijazzjonijiet f'54 linja amministrattiva tal-Baġit tal-Kummissjoni għas-salarji u l-pensjonijiet ta' l-istaff filwaqt li ssaħħaħ żewġ linji operattivi, 03 01 Spiża Amministrattiva fil-"Qasam tal-politika tal-kompetizzjoni" u 03 03 02 "Talbiet għal danni b'riżultat ta' proċeduri legali kontra d-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni", biex b'hekk saru disponibbli EUR 14 200 000 sabiex ikun hemm appoġġ finanzjarju għal Fiduċjarju ta' Sorveljanza li jikkontrolla l-implimentazzjoni tad-deċizzjoni kumplessa tal-Qorti kontra l-Microsoft. Il-Kunsill irrifjuta dan it-trasferiment u talab li jiddaħħal f'dan il-baġit ta' emenda 3/2008.

2. Tifdil mis-salarji u l-pensjonijiet

Dan għandu l-effett ta' tnaqqis ta' EUR 2 300 000 f'approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas fl-Intestatura 5 (żieda fis-salarji ta' 1.4% fl-2007 minflok ta' 2.2% - tifdil ta' EUR 18 900 000).

3. Il-Marda ta' l-Ilsien Ikħal (Bluetongue)

Ir-rapporteur tagħkom jista' jaqbel ma' din il-parti, billi t-tilqim fil-pajjiżi kkonċernati għandu jsir mill-aktar fis.

4. Intrapriżi Konġunti

Skond it-tifsiriet tal-Kummissjoni, il-ħolqien tagħhom ikun newtrali għall-baġit, billi l-approprijazzjonijiet se jitnaqqsu mil-linji operattivi tal-baġit li jikkorrispondu mal-prijoritajiet tas-Seba' Programm ta' Qafas. Fil-prinċipju, dan hu effett sekondarju negattiv tal-ħolqien ta' din ix-xorta ta' strutturi supplimentari. L-ENIAC għandha x'taqsam man-nanoelettronika, jiġifieri mal-progress naturali tal-mikroelettronika lejn dimensjonijiet iżgħar.

In-nanoelettronika hija strument primarju għall-progress ekonomiku f'għadd ta' setturi industrijali differenti u għall-implimentazzjoni ta' ħafna politiki marbuta mas-soċjetà, fosthom l-ambjent, l-iffrankar ta' l-enerġija, is-sostenibilità, l-anzjani, il-mobilità, is-sigurtà u bosta oħrajn, u għalhekk tista' tagħti spinta lill-għanijiet ta' Liżbona.

L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta ENIAC hija inizjattiva strateġika mmexxija u misjuqa mill-industrija u għalhekk hija bbaġitjata fil-linja politika tas-Soċjetà ta' l-Infommazzjoni.

5. Il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE

Kien hemm dubji min-naħa tal-Kumitat dwar ir-rabta mal-pjan ta' stabiliment ta' l-Istitut għall-Ugwaljanza Bejn is-Sessi, minħabba l-mobilizzazzjoni tal-Fond.

6. Grad oġhla għad-Direttur ta' l-Istitut ta' l-Ugwaljanza Bejn is-Sessi

Il-ġustifikazzjoni għall-proposta ta' grad oġhla tidher li hi dgħajfa ("m'hemm l-ebda kandidat adattat bil-kompetenzi meħtieġa", "jekk jogħla l-grad jistgħu jitħajru kandidati ta' kwalità għolja għall-post ta' Direttur"). Barra minn hekk, aġenzija żgħira bi staff ta' 20 ruħ għandha titqabbel ma' unità waħda tal-Kummissjoni, li tkun immexxija minn AD 11, 12 jew 13.

Id-diskussjoni fil-Kumitat għall-Baġits uriet li ħafna ma apprezzawx il-fatt li l-grad propost għall-post ta' Direttur ta' l-Istitut għall-Ugwaljanza Bejn is-Sessi jogħla minn AD 13 għal AD 14. Intwerew dubji dwar in-newtralità baġitarja waqt id-diskussjoni meta tqabblu t-tabelli tas-salarji tal-grads AD 13 u AD 14. Sinjal ċar ingħata lill-Kunsill waqt il-laqgħa tal-COBU tas-6 ta' Mejju sabiex id-DAB 3/2008 tkun adottata mill-aktar fis, imma bl-inklużjoni ta' emenda tar-rapporteur tagħkom biex il-grad tal-post ta' Direttur ma' l-Istitut għall-Ugwaljanza Bejn is-Sessi ma jogħliex. Il-Parlament Ewropew b'hekk ma jkollux għalfejn jemenda d-DAB 3/2008, biex ma jinħeliex żmien għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà.

7. Il-pjan ta' stabiliment ta' l-KESE

Huwa propost numru ta' aġġustamenti għall-pjan ta' stabiliment tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE). Dawn li ġejjin huma d-dettalji.

Ġabra fil-qosor tat-talbiet

Operazzjoni	Numru
AD16-HC għal AD16-HC T	1
AST5 għal AST5-T	2
AD5-T għal AST5-T	2
AST10-T għal AD10-T	1
AST8-T għal AD8-T	1
AD5-T għal AD6-T	1
AD10-T għal AD9-T	1
AST10 għal AD10	1

F'termini baġitarji, l-operazzjoni hi waħda newtrali, billi l-unika talba biex jogħla grad titpatta billi jinżel grad ieħor.

In-numru totali ta' postijiet awtorizzati m'huwiex se jinbidel.

PROCĊEDURA

Titolu	L-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 3/2008 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008	
Referenzi	9903/2008 – C6-0206/2008 – 2008/2095(BUD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 17.4.2008	
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja		
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Kyösti Virrankoski - Ville Itälä 13.12.2006	
Rapporteur(s) preċedenti		
Data tat-tħejjija ta' l-abbozz tal-baġit ta' emenda mill-Kunsill	26.5.2008	
Data meta l-Kunsill bagħat l-abbozz ta' baġit ta' emenda	28.5.2008	
Eżami fil-kumitat	6.5.2008	29.5.2008
Data ta' l-adozzjoni	29.5.2008	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	27
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Simon Busuttil, Daniel Dăianu, Brigitte Douay, Szabolcs Fazakas, Markus Ferber, Vicente Miguel Garcés Ramón, Salvador Garriga Polledo, Ingeborg Gräßle, Louis Grech, Nathalie Griesbeck, Catherine Guy-Quint, Jutta Haug, Ville Itälä, Anne E. Jensen, Silvana Koch-Mehrin, Wiesław Stefan Kuc, Janusz Lewandowski, Vladimír Maňka, Mario Mauro, László Surján, Gary Titley, Helga Trüpel, Kyösti Virrankoski	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Marusya Ivanova Lyubcheva, Margarita Starkevičiūtė, Gianluca Susta	
Sostitut (i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni		
Data tat-tressiq	29.5.2008	
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...	